

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5157 — Volkswagen/Scania)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 121/16)

1. Fis-7 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Volkswagen AG ("Volkswagen", il-Ġermanja) takkwista, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ ta' Scania AB ("Scania", l-Iżvezja) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi msemmija huma:
 - għal Volkswagen: manifattura ta' vetturi bil-mutur,
 - għal Scania: manifattura ta' vetturi kummerċjali bil-mutur.
3. Fuq eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru. tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5157 — Volkswagen/Scania, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.